**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, l-28 ta' Ġunju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Toussaint Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Toussaint Azzopardi,** iben Gerald u Jane nee' Bonnici, imwieled Luqa nhar il-15 ta' April, 1958 u detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 0351858M:

Akkużat talli nhar it-3 ta' Ottubru 2023 għal ħabta ta' 08:23hrs ġewwa Ħal Luqa:

1. Waqt staġun magħluq għat-teħid tal-għasafar ħa jew prova jieħu xi għasfur, u dan bi ksur ta' Reg 18(1)(c) ta' L.S. 549.42;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III, u meta dak l-għasfur ma kienx ġie important legalment skont id-disposizzjonijiet tar-reg 6(1)(a), jew ġie meħud jew akkwistat legalment fi Stat Membru jew imrobbi fil-magħluq u dan bi ksur ta' Reg 4(1)(e) (ii-iv) ta' L.S. 549.42;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċja jew prova jikkaċja, ħa jew prova jieħu għasafar li huma protetti taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-konduzzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha, u dan bi ksur ta' reg 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;
4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi nasab fuq sit li ma ġiex irreġistrat u approvat mit-Taqsima tar-regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u dan bi ksur ta' regolament 12(d) ta' L.S.549.145 u bi ksur tat-tieni proviso ta' Reg8(2) ta' L.S.549.42;
5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kien qiegħed jagħmel użu minn xbieki, u dan bi ksur ta' Reg7(1)(e) ta' L.S.549.42.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**

Id-difiża tikkontendi li l-affidavits ta' PS130 u PC544 m'għandhomx valur probatorju għaliex il-ġurament huwa nieqes minn element essenzjali għall-validita tiegħu, u ċioe il-lok. L-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> "Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar."

Il-Qorti rat illi l-Kummissjunarju li quddiemu ttieħed il-ġurament mill-uffiċjali imsemmija indika illi d-data ta' meta t-tieħed il-ġurament kienet il-11 ta' Marzu 2024, u iddikjara wkoll hekk: "Lok: E.P.U." Jirriżulta għalhekk li l-Kummissjunarju indika li l-ġurament kien qiegħed jittieħed fl-Environmental Protection Unit. Dak li trid tiddeċiedi l-Qorti għalhekk huwa jekk din id-dikjarazzjoni tissodisfax il-vot tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk il-fatt li ma ġew iddikjarati l-ebda partikolaritajiet oħra dwar il-lok, bħal l-isem tat-triq u l-belt fejn jinstab l-Environmental Protection Unit ifisser li hemm nieqes element essenzjali għall-validita tal-ġurament.

Il-Qorti tosserva li l-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix definizzjoni tat-terminu 'lok', fis-sens illi ma jindikax bi preċiżjoni eżattament xi jrid jiġi indikat mill-Kummisjunarju sabiex jiġi sodisfat dan ir-rekwiżit. Għalhekk trid issir interpretazzjoni mill-Qorti, abbażi tal-buon sens u l-loġika, u peress li dawn huwa proċeduri penali, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva u ssolvi kwalunke dubbju favur l-imputat. M'hemmx dubbju li dak li ried il-leġislatur huwa li meta jittieħed ġurament fuq affidavit il-Qorti u l-partijiet għandhom jitpoġġew f'posizzjoni li jkunu jafu fejn u meta ittieħed il-ġurament, dettalji dawn li jkunu jafu awtomatikament meta xhud jixhed *viva voce* quddiem il-Qorti. F'dan il-każ jirriżulta li l-ġurament fuq l-affidavit ittieħed ġewwa l-Environmental Protection Unit, li bħala dipartiment tal-Pulizija ta' Malta, huwa uffiċju statali u pubbliku. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-indikazzjoni mogħtija hija suffiċjenti biex il-Qorti u l-partijiet jifhmu u ma jkollhomx dubbju raġonevoli dwar fejn ittieħed il-ġurament, bl-istess mod li kieku l-ġurament ittieħed fil-binja tal-Qorti ma kienx ikun hemm bżonn li titniżżel isem it-triq u l-lokalita biex wieħed jifhem fejn ittieħed il-ġurament. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-argument m'għandux mis-sewwa u qiegħed jiġu miċħuda.

Fir-rigward tal-mertu tal-akkużi, il-Qorti rat illi mill-affidavit ta' PS130 u PC544 jirriżulta li l-imputat kien inqabad jonsob, b'żewġ imnasab

attivati, bi xbiek u bl-għasafar tal-għana imdawwrin magħhom. Mix-xhieda ta' Cassie Grech imbagħad jirriżulta illi fid-data tal-akkuża l-istaġun tal-insib kien magħluq u li l-pussess tas-sitt għasafar li ġew elevati minn PS130 u PC544 kien illegali u dan billi tlieta ma kinux imlibbsin ċurkett, tnejn kienu mlibbsin ċurkett falz u għasfur ieħor kien liebes żewġ ċrieket, wiehed falz u ieħor mhux magħluq. Għaldaqstant l-akkużi numru 1 sa 3, u l-akkuża numru 5 jinsabu suffiċjentement pruvati.

Fir-rigward tal-akkuża numru 4, li tirrigwarda allegat insib fuq sit mhux reġistrat, il-Qorti tosserva li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova fir-rigward ta' din l-akkuża. Għalhekk l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' din l-akkuża minħabba nuqqas ta' provi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti numru 18(1)(c), 4(1)(e), 4(1)(a), 7(1)(e) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, tillibera lill-imputat mill-akkuża numru erbgħa (4), filwaqt li ssibu ħati tal-bqija tal-akkużi dedotti kontra tiegħu, tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) li jistgħu jitħallsu permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' erbgħin ewro (€40), u tordna l-konfiska tal-oġġetti u l-għasafar indikati f'DOK RC3 u s-sospensjoni ta' kull permess u liċenzja relevanti maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u t-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija ghal tliet snin.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur